# Rekord ta' Ċief maqbud fuq l-art

## F'Ottubru 2016 BirdLife Malta rċeviet l-akbar ammont ta' Ċief li sab ruħu f'diffikultà hu u jtir għall-ewwel darba

Wara s-sejħa li għamlet lill-pubbliku fil-bidu ta' Ottubru biex jirrapporta mill-ewwel jekk jara jew isib Ċief (Scopoli's Shearwater) li jista' jsib ruħu f'diffikultà hekk kif ikun qed iħalli l-bejta biex itir għall-ewwel darba, BirdLife Malta rċeviet l-akbar ammont ta' Ċief qatt irreġistrat.

Fil-fatt Ottubru ta' din is-sena jirriżulta li kien rekord f'dan is-sens hekk kif BirdLife Malta salvat 21 ferħ ta' dan l-għasfur tal-baħar, numru li ilu jiżdied sena wara l-oħra mill-aħħar tas-snin tmenin. Ottubru jimmarka l-istaġun meta dawn l-għasafar tal-baħar misterjużi jibdew iħallu l-bejta biex itiru għall-ewwel darba minn fuq l-irdumijiet. Dawn l-għasafar itiru għall-ewwel darba matul il-lejl, bil-frieħ jużaw id-dawl tal-orizzont biex isibu triqithom lil hinn mill-kosta. Madanakollu t-tniġġis dejjem jiżdied mid-dawl fuq l-art jista' jwassal biex jiġu diżorjentati u ħafna minnhom jispiċċaw fuq l-art maqbudin f'toroq, xtut, bliet u rħula, u zoni urbani oħra minflok fuq il-baħar.

Din is-sena z-zoni minn fejn l-aktar li ġew irkuprati Ċief f'diffikultà kienu Ħal Far, iċ-Ċirkewwa u Birżebbuġa f'Malta flimkien max-Xlendi u x-Xewkija f'Għawdex. Dawn il-postijiet kollha għandhom sorsi notevoli ta' tniġġis mid-dawl bħalma huma z-zoni industrijali, il-portijiet u x-xtut. L-unika eċċezzjoni hija x-Xewkija fejn it-tliet għasafar li spiċċaw maqbudin hawnhekk instabu fil-grawnd tal-futbol minħabba d-dwal qawwija tal-istess grawnd.

Fis-snin li ġejjin il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta se jkun qed jaħdem biex inaqqas it-tniġġis mid-dawl f'zoni kostali li jaffettwa lil dawn l-għasafar tal-baħar biex fil-futur ikunu evitati każi bħal dawn.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

L-għasafar li ġew misjuba din is-sena ġew irkuprati mill-pubbliku jew minn membri ta' BirdLife Malta. Imbagħad ġew mgħoddija f'idejn BirdLife Malta u wara li ġew iċċekkjati, twaħħlilhom ċurkett u ġew meħlusa f'postijiet ħielsa minn kull periklu għalihom. Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li rrappurtaw dawn il-każi. L-għasafar li nstabu huma biss ftit mit-total ta' għasafar tal-baħar li jispiċċaw diżorjentati. Ċief li jispiċċa maqbud fuq l-art jista' jiffaċċja periklu serju mill-karozzi fit-toroq, jew jispiċċa attakkat minn qtates u klieb bil-konsegwenza li ma jinstab qatt imma grazzi għaż-żieda fil-kuxjenza fost il-pubbliku dwar dawn l-għasafar, BirdLife Malta qed jirnexxilha ssalva dejjem aktar għasafar minn dawn.

Nixtiequ nħeġġu lill-pubbliku biex ikompli jirrapporta lil BirdLife Malta għasafar tal-baħar f'diffikultà li jista' jiltaqa' magħhom. Il-perjodu kruċjali li jmiss meta nerġgħu niġu bżonn il-koperazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward issa jkun fl-istaġun meta l-Garni (Yelkouan Shearwater) ikun qed iħalli l-bejta biex itir għall-ewwel darba bejn Ġunju u Lulju 2017.

F'każ li wieħed isib frieħ f'diffikultà għandu jpoġġihom f'kaxxa tal-kartun u jżommhom f'post kwiet, imbagħad iċempel lil BirdLife Malta mill-ewwel fuq 2134 7644 (fil-ħinijiet tal-uffiċċju) jew 7925 5697 (f'każi ta' emerġenza wara l-ħinijiet tal-uffiċċju).

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org



Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

**Ħoloq utli:**
Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija
http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
https://www.facebook.com/arcipelagugarnija

Il-proġett LIFE+ Malta Seabird Project
https://maltaseabirdproject.org
http://birdlifemalta.org/conservation/malta-seabird-project
https://www.facebook.com/LifeSeabirdMaltaProject

**Ritratti:**
1. Ċiefa li nstabet fi triq (22 ta' Ottubru). Ritratt ta' Adin Vella.
2. Ċiefa oħra li nstabet maqbuda fuq l-art f'Għawdex ix-xahar li għadda (21 ta' Ottubru). Ritratt ta' David Munaò li għadda l-għasfur lil BirdLife Malta.

**Niżżel il-filmat minn hawn:** https://we.tl/G5iqD47A50
1. Il-filmat juri numru ta' Ċief qed jinħeles minn BirdLife Malta f'Ottubru li għadda wara li spiċċa maqbud fuq l-art u nġabar minn membri tal-pubbliku (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB